# DAWRA MAL-KNISJA TAL-GUDJA

Il-Gudja hi waħda mill-eqdem Parroċċi ta' dawn il-gżejjer, tant hu hekk li, fis-seklu ħmistax kienet diġà magħduda bħala waħda mill-Parroċċi ta' dawn il-gżejjer. Magħha kienet tħaddan bosta rħula tal-qrib.

Il-knisja parrokkjali, iddedikata lil Marija Assunta, ma kinitx hawnhekk iżda fl-inħawi magħrufa bħala ta' Birmiftuħ.

Il-knisja parrokkjali ta' llum bdiet tinbena fi żmien il-Kappillan Dun Ġwann Gatt, fl-1656 u dan ix-xogħol dam sejjer għaxar snin sħaħ.

Il-perit Tumas Dingli ħażżeż il-pjanta ta' din il-knisja, iżda l-faċċata tagħha, waħda mill-isbaħ fil-gżejjer tagħna nbniet fl-1901 fuq il-pjanta ta' Karlu Farrugia mill-istess raħal. Anġlu Dalli għamel ix-xogħol tal-bini.

Meta nbniet din il-faċċata sarulha żewġ kampnari u hekk din il-knisja ġiet bi tliet kampnari.

Il-kampnar oriġinali jinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja u nbena fit-tieni nofs tas-seklu dsatax fuq disinn ta' William Baker. Fih tinħass l-arkitettura ta' stil Neo Klassiku, li f'dak iż-żmien kienet fl-aqwa tagħha. Dan il-kampnar hu għoli madwar mija u żewġ piedi u fih għandu sett qniepen li nħadmu mid-ditta John Warner and Sons ta' Londra. B'hekk, il-knisja tal-Gudja għandha tliet kampnari.

Meta wieħed jidħol fil-knisja jinduna mill-ewwel li għandha stil ta' salib latin u mżejna b'għaxar altari.

L-Isqof Vincenzo Labini kkonsagraha nhar il-11 ta' Diċembru, 1785.

L-ewwel ħarsa tagħna taqa' fuq il-kwadru titulari ta' Marija Assunta, xogħol fin u sabiħ magħmul minn Pietro Gagliardi fl-1877. F'dan il-kwadru tinħass ħafna l-finezza li kien kapaċi jpitter biha dan il-pittur Taljan.

Fil-parti ta' fuq tal-kwadru, il-pittur għamel nofs ċirku, imdawwal u mdawwar b'bosta anġli biex hekk jagħti l-ideja tas-sema miftuħ jilqa' lil Marija li f'dan il-kwadru narawha mdawra b'numru ta' anġli bil-girlandi tal-ward f'idejhom. Hu wieħed mill-aktar kwadri devoti tal-Madonna li nsibu fil-gżejjer tagħna.



*Il-faċċata tal-knisja li nbniet fl-1901. Is-sena d-dieħla tagħlaq 100 sena.*

Fuq kull ġenb tal-kwadru titulari wieħed jista' jara żewġ pitturi oħra li huma eqdem għax imorru lura lejn is-seklu tmintax. L-ewwel wieħed jirrappreżenta ż-żwieġ mistiku ta' Santa Katerina u fl-ieħor għandna d-dehra ta' Sant'Anna bil-Madonna. Din il-pittura hi ferm isbaħ mill-oħrajn u tidher li tista' tkun xogħol ta' Zahra.

Fl-altar tal-kor hu meqjum il-korp sant ta' San Sinforjanu li ilu meqjum f'din il-knisja sa mill-1815.

L-orgni ta' din il-knisja hu wieħed mill-eqdem orgnijiet li nsibu fil-gżejjer tagħna. Dan inħadem fi Sqallija fis-seklu tmintax. Oriġinali u artistiċi huma l-pittura li naraw fuq il-bibien tiegħu.

L-altar ta' din il-knisja għandu disinn sempliċi iżda l-irħam tiegħu hu sabiħ. Dan flimkien ma' l-irħam tal-presbiterju kienu saru bi spejjeż Dun Angelo Dingli mill-istess raħal.

Minn hawn, wieħed jista' jaqbad id-dehra sabiħa tal-koppla li għandha stil oriġinali. L-istess id-dekorazzjoni tagħha fl-injam.

Fl-erba' pendenti ta' taħtha naraw impittrin l-erba' evanġelisti maħduma minn Ramiro Calì fl-1934 u mdawra u mżewqa bi skultura sabiħa ta' l-injam magħmula minn Benjamin Tonna.

Sbieħ ħafna huma l-prospettivi tal-kappelluni. Nibdew mill-kappellun tal-Kurċifiss. Dan hu mżejjen bil-pilastri u bil-kontro pilastri, u fil-parti ta' fuq iċ-ċinta u mad-dawra tat-tieqa naraw skultura sabiħa ta' stil Barokk. Taħt it-tieqa għandna żewġ anġli jżommu l-kuruna tar-raġġiera. Fl-imgħoddi, is-Sodalità ta' l-Agunija kienet tagħmel minn dan il-kappellun. Din kienet twaqqfet fil-Gudja fl-1678. F'dan il-kappellun għandna altar ieħor iddedikat lis-Santissima Trinità. Għalkemm mhux ikkonfermat, jidher li dan hu xogħol Gannikol Buhagiar. Hu kwadru li nistgħu naqsmuh f'żewġ partijiet. Fil-parti ta' fuq għandna d-dehra tas-Santissima Trinità mdawra bl-anġli u, fil-parti ta' taħt naraw tliet qaddisin li huma, San Ġwann l-evanġelista fuq in-naħa tax-xellug, San

Franġisk de Paoli, fin-nofs, u fuq in-naħa l-oħra għandna lil San Girgor Papa. Tabilħaqq hu kwadru sabiħ ieħor magħmul fis-seklu tmintax.



"Pluribus Parens" l-armi tas-seba' parroċċi li ħarġu minn Birmiftuħ u mill-Gudja.

Waqt li naqsmu għan-naħa l-oħra tal-knisja nosservaw żewġ ħwejjeġ oħra interessanti. Magħluq f'niċċa naraw ix-xbieha tal-Ecce Homo. Dan hu ta' l-injam u jingħad li nħadem minn Vincenzo Dimech, l-istess skultur li ħadem l-istatwa ta' Santa Marija.

L-opra l-oħra hija l-pulptu wieqaf mal-pilastri ta' taħt il-koppla. Għal darb'oħra, hawnhekk għandna pulptu ieħor antik li b'xorti tajba tħalla fl-istat oriġinali tiegħu.

Il-kappellun tan-naħa l-oħra għandu altar iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Il-fratellanza tar-Rużarju twaqqfet fil-knisja ta' Birmiftuh fl-1588, u l-kwadru li naraw illum f'dan il-kappellun, fl-imgħoddi kien f'Birmiftuħ. Fih xogħol mill-isbaħ u xi kritiċi ta' l-arti jgħidu li sar fl-aħħar snin tas-seklu sittax. Fid-dawra tal-kwadru naraw impittra l-misteri tar-Rużarju u taħt il-Madonna jidhru bosta qaddisin fosthom, San Ġorġ. Dan qiegħed ifakkar li fl-imgħoddi wieħed mill-altari tal-knisja ta' Birmiftuħ kien iddedikat lilu. Kien tneħħa biex sar tar-Rużarju.

Dan il-kwadru tar-Rużarju, barra li fih xogħol sabiħ, hu wieħed mill-eqdem kwadri li naraw f'din il-Knisja parrokkjali.

Fil-prospettiva li ddawwar dan il-kwadru wieħed jista' jammira xogħol sabiħ ta' skultura fosthom par anġli jżommu l-girlandi tal-fjuri neżlin mid-dekorazzjoni tat-tieqa, filwaqt li tnejn oħra narawhom ħdejn l-arma tal-Madonna skulturata fuq il-kwadru.

F'dan il-kappellun għandna altar ieħor, iddedikat lill-Madonna taċ-Ċintura. Dan hu kwadru ieħor li jfakkrek ħafna f'Ġannikol Buhagiar, iżda f'xi partijiet tiegħu tinduna li huwa xogħol ta' xi assistent tiegħu. Il-fratellanza taċ-Ċintura, li tagħmel minn dan l-altar, twaqqfet fil-Gudja fl-1728.

Il-Via Sagra, imxerrda ma' bosta partijiet ta' din il-knisja, tpittret minn Antonio Falzon, li kien dixxiplu tal-Moviment tan-Nazzareni u għalhekk, f'dawn il-kwadri jinħass ħafna l-istil ta' dan il-moviment.

Fil-korsija tal-knisja wieħed josserva erba' altari. L-ewwel wieħed qrib il-pulptu huwa ddedikat lil San Ġużepp. Hawn għandna kwadru li jirrappreżenta l-mewt ta' dan il-qaddis, impitter minn Domenico Bruschi. Fih għandna taħlita ta' bosta lwien magħquda u mdaħħla f'xulxin b'sengħa kbira minn dan il-pittur Taljan. L-isfond hu mill-isbaħ u l-istess it-tliet persunaġġi. Il-ħarsa 'l fuq ta' San Ġużepp hi espressiva ħafna u l-istess id-dehra majestuża ta' Kristu. Hu kwadru ieħor mill-isbaħ li ħalla fostna Domenico Bruschi. Mad-dawra ta' dan il-kwadru wieħed jista' jammira xogħol sabiħ tal-pasta li jikkonsisti f'bosta disinji fini.



Il-baċil tal-kina li kien jintuża fil-knisja ta' Bir Miftuħ.

Faċċata ta' dan l-altar naraw il-kwadru sabiħ tal-Madonna tal-Karmnu flimkien ma' San Mikiel u l-Erwieħ tal-Purgatorju. Dan hu xogħol ieħor ta' Pietro Gagliardi u għalhekk, ma jonqsux fih il-ħlewwa u d-delikatezza li bihom kien jaħdem dan il-pittur. Bħat-titular, hu kwadru devot ħafna.

L-aħħar żewġ kwadri f'din il-korsija huma xogħol Malti tas-seklu tmintax. Fl-ewwel wieħed qed naraw lil Marija Immakulata bil-Missier Etern u bl-Ispirtu s-Santu fuqha u mdawra b'numru ta' anġli. Taħtha, imbagħad, għandna tliet qaddisin. Fuq ix-xellug naraw lil San Pawl, Padrun ta' Malta u fuq in-naħa l-

oħra għandna lil Santu Rokku u San Bastjan, iż-żewġ qaddisin protetturi mill-marda tal-pesta. Dan hu kwadru mpitter minn Rokku Buhagiar u jidher li sar wara l-ħelsien tal-marda tal-pesta li laqtet il-gżejjer tagħna kemm-il darba.

Fuq l-aħħar altar naraw il-pittura tal-Epifanija tal-Mulej. Mhux magħruf eżatt l-awtur tiegħu iżda hu kopja u fil-gżejjer tagħna wieħed jista' jara kwadri simili tiegħu. Mad-dawra ta' dan il-kwadru wieħed jista' jammira xogħol sabiħ ta' dekorazzjoni tal-pasta.

Qrib il-bieb maġġur għandna żewġ statwi marbuta ma' żewġ fratellanzi ta' din il-Parroċċa. It-tnejn huma tal-kartapesta. L-ewwel waħda hi l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li nħadmet minn Mastru Anġlu Dalli fl-1922 u ħadet il-post ta' waħda aktar qadima li tinsab fil-kappella tal-Lunzjata.

L-istatwa l-oħra, tal-Madonna taċ-Ċintura, hi xogħol ta' Marsilja u nħadmet fl-aħħar snin tas-seklu dsatax. Marsilja kienet belt magħrufa ħafna għall-finezza ta' statwi li kienu jinħadmu fiha.

Fis-sagristija ta' din il-knisja wieħed jista' jara numru ta' affarijiet marbuta mal-qedem ta' din il-Parroċċa.

Qabel xejn, insemmu d-dekorazzjoni ta' pittura li ssebbaħ is-saqaf ta' dan il-post. F'din id-dekorazzjoni naraw parti minnha ddedikata lill-istorja tal-Gudja. Fin-nofs naraw l-arma ta' din il-Parroċċa bil-kitba "*Pluribus Parens*" li tfisser "*Omm ta' bosta wlied*" u mad-dawra naraw l-armi ta' l-irħula li fl-imgħoddi kienu jagħmlu mal-Gudja u li huma, Ħal Luqa, Ħal Kirkop, l-Imqabba, Ħal Farruġ, Ħal Safi, Ħal Tarxien u Birżebbuġa.

Mad-dawra tas-sagristija imbagħad, naraw impittra l-armi tal-Kappillani li fl-imgħoddi u fi żminijietna mexxew din il-Parroċċa. L-ewwel arma ġġib id-data ta' l-1436.

F'din is-sagristija jinsab merfugħ baċil tal-kina bid-disinn tal-Magħmudija ta' Ġesù u b'kitba Griega u li fl-imgħoddi kien jintuża fil-knisja ta' Birmiftuħ.

Fuq il-ħajt ta' din is-sagristija naraw imnaqqxa mitra tal-ġebel b'kitba li tfakkar lil Bartolomeo Mangion, 1586. Dan kien il-kappillan ta' Birmiftuħ bejn l-1575 u l-1592. Kien il-kappillan meta Monsinjur Duzina żar dan ir-raħal fl-1575. Kien saċerdot għaref u għaqli. L-Isqof Gargallo kellu ħafna fiduċja fih, tant hu hekk li meta l-Isqof Gargallo ma kienx ikun Malta, Dun Bartilmew Mangion kien jagħmilha ta' Vigarju Ġenerali bis-setgħat kollha ta' Isqof, għalhekk hawn din il-mitra.

L-istatwa titulari ta' Santa Marija hi l-aħħar opra li naraw f'din il-knisja. Din inħadmet fl-1807 minn Mastru Vincenzo Dimech u tħallset minn Dun Tumas Zammit. L-injam tagħha hu tal-qastan u tal-ġewż iżda l-pedistall tagħha sar fl-1933. Il-figuri bibliċi li jżejnuh ħadimhom Wistin Camilleri. Hi statwa oħra sabiħa maħduma fis-seklu dsatax. Hi l-eqdem statwa titulari ta' Santa Marija li għandna f'Malta.



Il-mitra tal-Kappillan Dun Bartilmew Mangion (1575–1592) imnaqqxa fil-ħajt tas-sagristija.

*Dan it-tagħrif ingħata fil-programm l-"Arti Siekta" minn Tony Terribile u Peter Paul Ciantar fuq il-P.B.S. fl-1 ta' Mejju li għadda.*

LEO
MOTORING SCHOOL
Contact: Mr. L. Cutajar on Tel: 661772 / 684779 Mob: 0944 8366